**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Abdi Adam Mahad, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 51290A**

*Każ Dwana Nru.: 433/2023*

Illum**, 19 ta' Ġunju, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Abdi Adam Mahad** u ċioè:

Fuq talba tal-Kontrollur/Direttur Ġenerali tad-Dwana, talli fil-10 ta' Lulju, 2020, wara tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana fil-lok li jġib l-isem Liverpool Cafe, Triq Ħal-Qormi, l-Ħamrun:

1. Xjentement kellu fil-pussess u/jew laqa' għandu, żamm, kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożitu ta' Water Pipe Tobacco bla dazju kif deskritt hawn taħt, bil-ħsieb li jiġi frodat il-Gvern minn Dazju u Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi limitazzjoni tad-Dwana dwar dan it-tabakk, 2Kgs Al Fakher Water Pipe Tabacco.

   Dan it-tabakk li l-importazzjoni tiegħu hija projbita u/jew ristretta u/jew limitata, għandu valur ta' Eur20.00, dazju ta' sisa dovut ta' Eur72.80, kif ukoll Dazju ta' l-Importazzjoni u taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw ghal Eur 14.98 u Eur 19.40 rispettivament, liema dazju u taxxa ma kienux jew imħallsa u/jew kawtelati. Dan bi ksur tal-artikoli 60(1)(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g))h)(i) u paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 kif ukoll tal-Artikoli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d) tar-

> Regolament 7 tat-Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap.382 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti hija mitluba sabiex, f'każ ta ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti bil-liġi, tordna ukoll il-konfiska tal-oġġetti esibiti.
>
> Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat ghal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fid-19 ta' Frar, 2024.

Illi għalkemm din il-kawża tirrigwarda reati li seħħew fl-2020, il-proċeduri odjerni nbdew fit-18 ta' Marzu, 2024. Jingħad ukoll li kellhom jgħaddu aktar minn sentejn biex inħarġu it-talbiet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jitmexxew dawn il-proċeduri!

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Qabel xejn qed jiġi sottolinejat li f'dawn il-proċeduri ma ġiet preżentata l-ebda Letter to Prosecute u dan meta l-Artikolu 83(1) tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi:

> 83.(1) Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu rtirati fuq talba tal-Kummissarju

Dan il-każ jirrigwarda sejba ta' tabakk f'ħanut bl-isem ta' Liverpool Cafe f'Qormi Road, Marsa f'Lulju tal-2020. Dan it-tabakk ma kellux boll fuqu w b'hekk deher biċ-ċar li ma kienitx tħallset taxxa fuqu. **Kevin Borg**, uffiċjal tad-

Dwana li għamel l-ispezzjoni flimkien ma kollegi tiegħu, ppreżenta il-"Witheld Form for further investigation".[1]

Din il-form iżda turi li l-persuna li kienet fl-istabbiliment kienet ċertu Mahmoud Osmaan SAHRO, detentur tal-karta tal-identità 0110183A residenti f'50, Hilltop Court, Blk A, Flat 3B, Triq is-Sliem, Marsaskala, l-istess binja fejn jgħix l-imputat. Fuq il-form jidher li wara ġie inserit l-isem tal-imputat li hu indikat bħala "owner".[2]

Tant hu hekk li Raymond Portelli, uffiċjal ieħor li wettaq l-ispezzjoni ma għarafx lill-imputat fl-awla peress fi kliemu stess ħarġu riċevuta lil dak li fil-ħin tal-ispezzjoni *"kien hemm responsabbli mill-ħanut"* ċertu Sahro Mahmoud Osmaan.[3] Kien l-istess Osmaan li tah isem is-sid tal-ħanut, l-imputat. Ix-xhud esebixxa r-rapport li jindika biss lil Sahro Mahmoud Osmaan, detentur tal-karta tal-identità numru 0110183A.[4]

**Christa Attard**, ukoll uffiċjal tad-Dwana li kienet preżenti għall-ispezzjoni, ikkonfermat dak li ntqal mill-kollegi tagħha. Tispjega:

*Xhud:* *Mela dak il-hin fuq il-post kien hemm Mr. Saro Mahmad Osman u nfurmana li l-owner tal-hanut ma kienx qieghed prezenti imma* ***hu*** <u>*kien responsabbli minfloku.*</u>

*Pros:* *Issa meta qalilkom li l-owner ma kienx prezenti ghamlilok referenza x' jismu jew min hu l-owner?*

*Xhud:* ***Qalilna*** *li kien jismu Abdi Adam Mahad.*

*Pros:* *Issa ma' dan l-owner inti qatt kellek xi kuntatt irrizultalek mill-investigazzjoni u qatt iltqajt mieghu?*

*Xhud:* ***Le ma kellix****.*

*Pros:* *Issa fuq il-post waqt li gibdulkom l-attenzjoni dawn l-affarijiet x' sar minnhom?*

*Xhud:* *Imbaghad ahna nikkonfiskawhom imma naghmlu withheld form li naghtuha lil min ikun hemm prezenti u kien hemm Saro Mahmad Osman.*

*Pros:* *Dan id-dokument li tajtuh intkom just lil Saro tajtuh?*

---

[1] Fol.27

[2] Ibid.

[3] Fol.33-34. Richard Briscoe ukoll jikkonferma dawn il-fatti

[4] Dok.RB a fol.37

*Xhud:* *Ezatt tajnieh lilu u mbaghad ahna jkollna kopja tieghu li tkun qieghdha mal-affarijiet li zammejna.*[5]

Mix-xiehda kemm ta' Portelli kif ukoll Attard jirrizulta li Sahro qatt ma ċaħad li kien hu responsabbli mill-ħanut fil-mankanza tas-sid! Dan stqarru *a tempo vergine*:

*"dak il-hin fuq il-post kien hemm Mr. Saro Mahmad Osman u nfurmana li l-owner tal-hanut ma kienx qieghed prezenti imma* ***hu*** *kien responsabbli minfloku."*[6]

Għalhekk il-Qorti hi perplessa kif il-Pulizija intalbet tipproċedi fil-konfront ta' persuna oħra u dan meta **minn imkien ma ġie pruvat in-ness li jorbot lil Sahro mal-hanut imsemmi fil-jum tal-10 ta' Lulju, 2020!**

Anke jekk għall-grazzja tal-argument Sahro kellu jindika lill-uffiċjali tad-Dwana xi terza persuna bħala dik li kienet responsabbli mill-ħanut, din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi biss *hearsay* u għalhekk hi inammissibbli.

Aktar skonċernanti minn hekk hu l-fatt li l-uffiċjali jidher li injoraw ghal kollox l-obbligi li jinkombi fuqhom naxxenti mill -Artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali li jiddetta ċar u tond li kemm il-darba persuna ssir persuna suspettata – bħal ma ċertament kien Sahro fil-mument li nstab tabakk bla dazju fil-kustodja tiegħu – dan kellu jingħata d-drittjiet spettanti lilu taħt it-Titolu VI, Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

L-artikolu 534A kif emendat bl-artikolu 35 tal-Att VIII tal-2015 jipprovdi:[7]

> **534A.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għal persuna mill-ħin li tkun mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva li hemm suspett li wettqet reat (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "persuna suspettata") u għal persuna li tinstab akkużata jew imputata li wettqet reat (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "akkużata") sa ma jkunu konklużi l-proċeduri kriminali, inkluż,fejn hu applikabbli, l-għoti tas-sentenza u d-deċiżjoni tal-appell:

---

[5] Fol.41

[6] Ibid.

[7] **35**. Fil-proviso tal-artikolu 534A tal-Kodiċi, il-kliem "proċeduri ta' estradizzjoni." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "proċeduri ta' estradizzjoni:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom ukoll japplikaw għal persuna barra mill-persuna suspettata jew akkużata li, fil-kors tal-interrogazzjoni mill-pulizija u minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi, issir persuna suspettata jew akkużata.".

> Iżda "l-proċeduri kriminali" għandhom jinkludu investigazzjonijiet mill-Pulizija Eżekuttiva u proċeduri ta' estradizzjoni:
>
> Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom ukoll japplikaw għal persuna barra mill-persuna suspettata jew akkużata li, **fil-kors tal-interrogazzjoni mill-pulizija u minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi, issir persuna suspettata** jew akkużata.

Iktar sinifikanti minn dan, ma jirriżultax li l-Pulizija tkellmet jew ħadet il-verżjoni ta' min fil-ħin tal-ispezzjoni effetivament kellu fil-pussess tiegħu t-tabakk in kwistjoni. Kien mistenni li minn tal-inqas SAHRO **jinġieb bħala xhud** biex jispjega r-relazzjoni tiegħu mal-imputat u senjatament mal-ħanut li fih instab it-tabakk fil-jum in kwistjoni. Dwar iċ-ċertifikat tal-VAT esibit mill-Ispettur Scicluna[8] jiġi sottolinejat li tali document mhux awtentikat mid-Dipartment tal-VAT u għalhekk ma jistax jikkostitwixxi prova.

Jiġi osservat ukoll li l-imputat qatt ma ġie mitkellem mill-Pulizija iżda ġaladarba inħarġet il-*Letter to Prosecute* mill-Kummissarju tat-Taxxi ghal reati kontemplati bl-Ordinanza tad-Dwana,[9] jidher li l-Pulizija mexxiet fil-konfront tal-imputat indubbjament biex ma jintilifx aktar żmien fuq reat allegat li sar il-fuq minn sentejn qabel ma nħarġet l-imsemmija talba għall-proċediment.

Dan ifisser li l-prosekuzzjoni naqset mili tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi.

Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera l-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[8] Dok.ES
[9] Fol.19